# KAPITOLU 2

## LIĠI DWAR IT-TNEĦĦIJA TAL-JEDD TA RIFUĠJU FI KNEJJES

*Biex tneħħi l-jedd ta rifuġju fi knejjes u l-immunità lokali fi ħwejjeġ kriminali.*

(10 ta April, 1828)*

*Saret liġi bil-PROKLAMA NRU. VI TA l-1828.*

**1.** Din il-Proklama tista tissejjaħ il-Liġi dwar it-Tneħħija tal-Jedd ta Rifuġju fi Knejjes.

Titolu fil-qosor.

**2.** Ebda privileġġ, jew immunità lokali ta kull xorta, ma jiswew b xi mod biex ifixklu l-esekuzzjoni tal-liġi fi ħwejjeġ kriminali:

Tneħħija ta l-immunità lokali.

Iżda, b dana kollu, meta persuna, wara li tagħmel, jew ikun hemm fuqha suspett li għamlet, delitt jew reat temporali, tfittex jew ikun hemm suspett li qed tfittex rifuġju f post li sal-lum kien magħdud bħala post li jagħti rifuġju, kull uffiċjal tal-Pulizija Esekuttiva, li jkollu l-awtorità meħtieġa li jġib quddiem maġistrat, sabiex tiġi eżaminata jew għal ħaġ oħra, fuq akkuża kriminali, lil dik il-persuna, li f dak iż-żmien ikun hemm bir-raġun suspett fuqha li tinsab f dak il-post ta rifuġju msemmi hawn fuq, jista jitlob il-kunsinna tal-persuna suspetta u maħruba fil-purtun jew bieb ta barra tal-post ta rifuġju fuq imsemmi; u jekk il-persuna suspetta u maħruba tiġi minnufih ikkunsinnata, l-uffiċjal fuq imsemmi ma għandux jgħaddi aktar il ġewwa mill-għatba ta dak il-purtun jew bieb ta barra; iżda, jekk il-persuna suspetta u maħruba ma tiġix ikkunsinnata mat-talba, l-uffiċjal tal-Pulizija jista , billi jieħu, jekk ikun jinħtieġ l-għajnuna ta uffiċjal ieħor jew ta uffiċjali oħra ċivili jew ekklesjastiċi, jew ukoll tal-forza militari, jidħol f dak il-post ta rifuġju u hemm jagħmel tfittxija għall-persuna suspetta u maħruba, u, meta jsibha, joħroġha minn hemm kemm jista jkun bla skandlu u storbju.

Regoli dwar l-arrest ta persuni suspetti ta delitt temporali li jieħdu rifuġju f lok li sal-lum kien magħdud privileġġat.

---

*Maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 896 tas-16 ta April, 1828.